MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 232/2004

**General Plastics Limited**

**Vs**

**The General Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet li bieghet u ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mercanzija, ordnata mill-istess socjeta' konvenuta, bil-prezz komplessiv ta' disa' t'elef mitejn u seba' u hamsin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm 9257.46) kif indikat fl-anness dokument (Dok 1), li s-socjeta' konvenuta kellha thallas wara perjodu ta' kreditu, liema hlas ma sarx, u ghalhekk kienu dovuti l-interessi kif komputati fl-istess dokument.

Ippremettiet li s-socjeta' konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, ukoll b'ittra ufficjali tal-24 ta' Frar, 2004, baqghet inadempienti.

Ippremettiet li l-pretensjoni attrici hija certa, liquida u dovuta, u l-konvenuti fil-qualita' taghha predetta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'tissolleva biex topponi it-talbiet attrici kif dedotti, u f'dan il-kaz il-kawza ghanda tigi trattata bid-dispensa tal-proceduri normali, u ghal dan il-fini qed jigi anness affidavit (Dok 2);

Ippremettiet id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, tghid s-socjeta' konvenuta ghaliex:

1. M'ghandiex il-kawza ghar-ragunijiet predetti tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh a termini tal-artikolu 167, tal-Kap 12 et sequentia tal-ligijiet ta' Malta.

2. M'ghandiex is-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas u tirrifondi lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' t'elef mitejn u seba' u hamsin lira u sitta u erbghin centezmu ghal bejgh u konsenja ta' merkanzija, minnha ordnata, u lilha konsenjata, flimkien mall-interessi fl-istess dokument indikat.

B'riserva tal-interessi ulterjuri, u b' ispejjes, komprisi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar, 2004 harrek lis-socjeta' konvenuta, li tibqgha ingiunta ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------